# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 5 ta' Gunju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 139/99G1(PC)

**Maltacom plc .**

**Vs**

**Ernest Cilia .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ippremettiet :**

**Illi hija fuq talba tal-konvenut kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 564373 (CN-362040) fil-fond 3, Peacehaven Court, Triq Manwel Magro, Marsalforn u dana skond ma kif jirrizulta mill-annessi dokument A, u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-"service agreement" ezistenti bejn il-partijiet ;**

**Illi skond l-istess "service agreement" il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien jigu stabbiliti mis-socjeta' attrici ;**

**Illi l-konvenut Ernest Cilia jinsab debitur tas-socjeta' attrici Maltacom Plc fis-somma ta' elfejn u hamsa u erbghin lira maltija u tmienja u erbghin centezmu (LM2045.48) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' stallazzjoni, u servizz tal-linja tat-telefon u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness "statement" immarkat bhala dokument B ;**

**Illi ghalkemm gie interpellat diversi drabi biex ihallas anke permezz tal-ittri ufficjali tal-15 ta' Jannar, 1998 u tat-18 ta' marzu 1998 (dok C), xorta wahda baqa' inadempjenti ;**

**Illi l-imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'igib kontra d-domanda tal-istanti .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Tghaddi biex tiddecidi fuq it-talbiet attrici bid-dispensa mis-smiegh kif mahsub fl-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili a tenur tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur ;**
2. **Tikkundannah ihallas ihallas lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn u hamsa u erbghin lira maltija u tmienja u erbghin centezmu (LM2045.48), liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazzjoni, u servizz tal-linji tat-telefon u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness "statement" immarkat bhala dokument B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittri ufficjali tal-15 ta' Jannar, 1998 u tat-18 ta' Marzu, 1998 u l-imghax legali kontra l-konvenut debitament ingunt ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' Saviour Farrugia .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' dokument A, fotokopja tas-"service agreement" relattiv ghas-servizz tat-telefon, numru 564373; bhala dokument B, rendikont; u bhala dokument C, ittra ufficjali pprezentata kontra Ernest Cilia fit-18 ta' Marzu, 1998 .**

**Rat ukoll ir-riferta pozittiva tal-konvenut, illi saret permezz tal-pubblikazzjoni, fil-gazzetta tal-gvern, u wahda mill-gazzetti lokali; u dana minhabba li kien hemm diffikulta' biex l-istess konvenut jigi notifikat bil-mod tas-soltu .**

**Semghet lil Joseph Debrincat ghan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu sal-lum kollu dovut .**

**Il-Qorti, ghalhekk, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut Ernest Cilia, ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ndikata fic-citazzjoni, u cioe` s-somma ta' elfejn hamsa u erbghin lira maltija, u tmienja u erbghin centezmu (LM2045.48c), dovut ghall-uzu (pulses u calls), spejjez ta' installazzjoni, u servizz tal-**

**linj tat-telefon skond ma jirrizulta mill-istatement dokument B anness mac-citazzjoni .**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar, 1998, u tat-18 ta' Marzu, 1998, kontra l-istess konvenut, li ghandu jhallas l-imghaxijiet legali fuq is-somma in kustjoni, mid-data ta' l-ewwel ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard.**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S13999Pc